# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 t'April, 2019**

**Rikors Numru 420/2011**

***Go p.l.c.***
**(C – 22334)**

**vs.**

**Schembri *Infrastractures Limited***
**(C – 17388)**

**B'digriet tal-10 ta' Mejju, 2016 giet kjamata fil-kawza is-socjeta` *Mapfre Middlesea plc***
**(C – 5553)**

**B'digriet tal-28 ta' April 2017 giet kjamata fil-kawza is-socjeta` *Elmo Insurance Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur solennament dikjarat datat it-28 t'April, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi waqt li fl-20 ta' Marzu, 2007, jew fil-jiem ta' qabel is-socjeta` intimata kienet qed tespleta xogholijiet infrastrutturali fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, din ikkawzat danni infrastrutturali lis-socjeta` rikorrenti ammontanti ghal tnejn u sebghin elf disa' mija u sittin euro u erbghin centezmu, (€72,960.40);

1.2. Illi fil-21 ta' Marzu, 2007, ghamlet anke rapport fir-rigward mal-Pulizija, (ara foll 9);

1.3. Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas l-imsemmi ammonti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4. Illi fi zmien l-incident in dizamina s-socjeta` rikorrenti kienet topera taht l-isem ta' *Maltacom p.l.c.* ghalkemm kienet komposta mill-istess personalita` guridika, (ara foll 12);

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata reponsabbli ghall-hsarat infrastrutturali kkawzati lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €72,960.40 in konnessjoni mal-hsarat fuq citati;

1.5.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors promotur - tal-ahhar dekorribbli mid-9 t'Awwissu, 2007;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghad-data hemm indikata, (ara foll 15);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-21 ta' Gunju, 2011, li ` permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet is-segwenti, (ara foll 35):

3.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi mhix responsabbli ghall-hsarat infrastrutturali kkagunati lis-socjeta` rikorrenti;

3.3. Illi in effetti l-hsarat riskontrati saru minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas t'attenzjoni tal-impjegati tal-istess socjeta` rikorrenti;

3.4. Illi ghalhekk mhix tenuta taghmel tajjeb ghal ebda danni;

3.5. Illi konsegwentement it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.6. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova d-danni subiti;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

3.8. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 227);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata s-26 ta' Jannar, 2016, (ara foll 230), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata s-7 t'April, 2016, (ara foll 243);

6. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Mejju, 2016, (ara foll 251 u 253), li permezz tieghu, wara rikors appozitu tas-socjeta` intimata, (ara foll 251), mhux oppost, awtorizzat il-kjamata in kawza tas-socjeta` hemm indikata;

7.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-8 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha s-socjeta` *Mapfre Middlesea p.l.c.* hekk kjamata in kawza sintetikament irrispondiet is-segwenti, (ara foll 257):

7.1. Illi m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti;

7.2. Illi ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

7.3. Illi kellha tigi wkoll kjamata in kawza s-socjeta` *Elmo Insurance Limited*;

7.4. Salv risposti ulterjuri;

7.5. Bl-ispejjez;

8. Rat id-digriet taghha datat it-28 t’April, 2017, (ara foll 328 u 331), li permezz tieghu, wara rikors appozitu tas-socjeta` intimata, (ara foll 328), awtorizzat il-kjamata in kawza tas-socjeta` hemm ukoll indikata;

9.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta’ Mejju, 2017, li permezz taghha s-socjeta` *Elmo Insurance Limited* hekk kjamata in kawza sintetikament irrispondiet is-segwenti, (ara foll 382):

9.1. Illi m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti;

9.2. Illi ghalhekk mhix il-legittimu kontradittur ghall-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti;

9.3. Illi b’hekk, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

9.4. Illi r-relazzjoni bejnha u bejn is-socjeta` intimata hi wahda interna regolata minn polza ta’ assikurazzjoni li fiha, s-socjeta` rikorrenti hi estranea;

9.5. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma preskritti a tenur tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, (minn issa ’l quddiem Kap 16);

9.6. Illi kwantu diretti kontra taghha, t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

9.7. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

9.8. Illi m'hemmx danni x'jigu likwidati;

9.9. Salv risposti ulterjuri;

10. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu wara talba gdida appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jergghu jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini godda hemm indikati, (ara foll 411);

11. Rat in-nota tas-socjeta` kjamata in kawza *Elmo Insurance Limited* datata l-1 t'Awwissu, 2018, (ara foll 414), flimkien ma dik tas-socjeta` l-ohra kjamata in kawza *Mapfre Middlesea p.l.c.* datata t-30 t'Awwissu, 2018, (ara foll 419), u dik tas-socjeta` rikorrenti datata s-27 ta' Settembru, 2018, (ara foll 425);

12. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

13. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

14. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet prezenti fl-udjenza appozitament rizervata ghal dan il-ghan;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

15.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob li s-socjeta` intimata tigi:

15.1.1. Dikjarata responsabbli ghall-hsarat ikkawzati lill-infrastruttura in dizamina fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, fl-20 ta' Marzu, 2007;

15.1.2. Ikkundannata thallas is-somma ta' €72,960.40 f'danni, oltre l-imghaxijiet dovuti;

16. Illi s-socjeta` intimata ghamlet ix-xogholijiet ta’ skavar ghall-*Water Services Corporation* f’Birzebbugia, liema xogholijiet kienu debitament koperti bil-permessi necessarji, (ara foll 132);

17. Illi skont id-direttur tas-socjeta` intimata qabel ma inbeda x-xoghol infrastrutturali in kwistjoni l-entitajiet kollha involuti – fosthom is-socjeta` rikorrenti – kellhom imorru fuq il-post biex jimmarkaw fejn kienu sitwati s-servizzi rispettivi tal-istess entitajiet biex b’hekk, is-socjeta` intimata ma tiskavax fil-postijiet hekk minnhom immarkati, (ara foll 198);

18. Illi skont il-perit tal-istess socjeta` intimata s-socjeta` rikorrenti mmarkat bil-kulur ahdar il-post minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables* taghha, (ara foll 222), liema marki kuluriti bl-ahdar saru minn Joseph Bonnici ghas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 157);

Ikkunsidrat:

19.0. Is-socjeta` intimata ssosstni li l-immarkar bil-kulur ma sarx sew mis-socjeta` rikorrenti u:

19.1. Issosstni li zammet distanza mill-marki maghmula mis-socjeta` rikorrenti biex b’hekk tevita l-*cables* tas-socjeta` *de quo*;

19.2. Illi d-distanza hekk mizmuma hi wahda meqjusa “*safe distance*” ta’ metru (1m) ’l boghod mill-marki, (ara foll 222);

19.3. Illi in effetti l-*cable* milqut kien zewg metri punt tlieta, (2.3m), il-boghod mill-marki kif maghmula mis-socjeta` rikorrenti stess, (ara foll 203);

19.4. Illi x-xoghol ta’ skavar mis-socjeta` intimata sar wara li din ghamlet ukoll *pilot holes* qabel bdiet l-istess skavar, (ara foll 199);

20. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ssosstni li sabet *cables* tas-socjeta` rikorrenti f’post fejn ma kien hemm l-ebda marka jew indikazzjoni maghmula mis-socjeta` rikorrenti biex tiindika li l-istess *cable* seta’ jkun prezenti;

21. Illi appena intlaqat il-*cable*, is-socjeta` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrenti bl-akkadut;

22. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li ma kienitx responsabbli ghall-hsarat ikkagunati;

Ikkonsidrat:

23. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li ghamlet il-marki taghha matul il-genb tat-triq u/jew fuq il-bankina, (ara foll 231);

24. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni wkoll li tat struzzjonijiet lis-socjeta` intimata li dawn il-marki minnha maghmula kienu biss indikazzjonijiet u li kellhom ukoll isiru verifiki addizzjonali qabel jibda x-xoghol biex b'hekk jigi identifikat il-punt ezatt minn fejn kienet ghaddejja l-infrastruttura sotterranja tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 231);

Ikkunsidrat:

25. Illi tul il-procedura gew kjamati in kawza zewg (2) socjetajiet assikuratrici;

26.0. Illi sintetikament dawn isosstnu s-segwenti:

26.1. **Is-socjeta` Mapfre Middlesea p.l.c.**

26.1.1. Illi rrilaxxat polza ta' assigurazzjoni tat-tip "*Contracts All Risk*", favur is-socjeta` intimata, (ara foll 281);

26.1.2. Illi mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

26.2. **Is-socjeta` *Elmo Insurance Limited*:**

26.2.1. Illi rrilaxxat polza ta' assigurazzjoni favur is-socjeta` intimata;

26.2.2. Illi din il-polza inharget ghall-istess xoghol infrastrutturali in dizamina;

26.2.3. Illi l-polza hekk mahruga hi tat-tip "*Public Liability Policy*" (ara foll 394);

Ikkunsidrat:

27. Illi f'dan l-istadju tigi issa indirizzata l-**eccezzjoni preliminari** sollevata miz-zewg (2) socjetajiet kjamati in kawza fuq indikati;

28.0. Illi z-zewg socjetajiet kjamati in kawza t-tnejn jissottomettu li:

28.1. M'ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti billi din ir-relazzjoni hi biss bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata, (ara foll 257 u 382);

28.2. Ghalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn dawn iz-zewg (2) socjetajiet kjamati in kawza u s-socjeta` rikorrenti;

28.3. Illi konsegwenza tal-istess dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

29. Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi ghandu jkun pacifiku li z-zewg (2) socjetajiet kjamati in kawza huma ghal kollox estranei ghall-mertu tal-vertenza in dizamina;

30. Illi in effetti jirrizulta li r-relazzjoni guridika li huma ghandhom hi biss mas-socjeta` intimata u mhux ma dik rikorrenti;

Ikkunsidrat:

31. Illi in vista tas-suespost allura ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti qatt ma tista tottjeni kundanna gudizzjarja kontra l-imsemmija kjamati in kawza *stante* li dawn m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika maghha;

32. Illi konsegwentement l-imsemmija socjetajiet kjamati in kawza mhumiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta` rikorrenti u b'hekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

33. Illi fid-dawl tas-suespost m'hemm bzonn li jinghad xejn dwar l-eccezzjoni preliminari sussegwenti tas-socjeta` kjamata in kawza *Elmo Insurance Limited* rigwardanti l-preskrizzjoni *a tenur* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16, (ara foll 382);

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fuq il-*mertu* tal-vertenza in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

34.1. Illi l-kawza kif proposta mis-socjeta` rikorrenti tirrigwarda d-danni akwiljani;

34.2. Illi f'dan ir-rigward l-artikli rilevanti huma l-artikli 1031 u 1032 (1) tal-Kap 16 li jistipulaw is-segwenti:

> "1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;
>
> "1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja";

34.3. Illi in vista tal-istess artikli hawn riprodotti jispetta allura lis-socjeta` rikorrenti biex tipprova l-htija u r-responsabbilita` tas-socjeta` intimata bhall-hsarat ikkagunati mertu tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

35. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li dik rikorrenti qatt ma mmarkat il-*cable* in kwistjoni jew b'xi mod gabet l-ezistenza tal-istess a konjizzjoni tas-socjeta` intimata;

36. Illi meta l-istess "*technical executive*" (ara foll 87), tas-socjeta` rikorrenti kien mistoqsi f'dan ir-rigward – senjatament jekk kienx

hemm marki fejn it-trinka li fiha inqata' l-*cable* mertu tal-procedura odjerna, hu wiegeb li ma kienx jaf, (ara foll 88);

37. Illi in effetti dak indikat fil-paragrafu precedenti jikkontrasta ma dak dikjarat mill-persuna responsabbli ghall-*overseers* li jsosstni fir-rapport tieghu li meta mar fuq is-sit tal-incident sab li l-kuntrattur, (is-socjeta` intimata), kien hadem direttament fuq il-marki maghmulin mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 154);

Ikkunsidrat:

38. Illi fid-dawl tal-istess rizultanzi fuq elenkati jirrizulta li l-qorti allura ghandha zewg (2) verzjonijiet kontrastanti – t-tnejn pprezentati minnu rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti stess;

39. Illi jigi sottolineat li skont il-kundizzjoni numru 14 tal-Kundizzjonijiet Generali ghal Permess TP4, (ara foll 141):

> "Filwaqt illi l-haddiema tal-entitajiet jippruvaw ikunu precizi fl-immarkar taghhom, b'danakollu, l-istess immarkar huma biss indikazzjonijiet ta' fejn ikunu ghaddejjin s-servizzi jew/u strutturi li jkunu mirduma. Bl-ebda mod m'ghandu jinftiehem li jekk l-entitajiet ikunu skorretti fl-immarkar taghhom, il-kuntrattur ikun hieles mir-responsabbilita`";

Ikkunsidrat:

40. Illi ghandu jkun pacifiku li hu l-obbligu tas-socjeta` rikorrenti li timmarka ezatt u bi precizjoni fejn tkun sitwata l-infrastruttura taghha li hi stess tkun stallat;

41. Illi *di piu`* hu d-dmir tas-socjeta` intimata, bhala s-socjeta` skavatrici, li tezercita d-diligenza rikjesta f'dan l-operat biex jigi evitat kull tip ta' dannu li jista' jirrizulta;

Ikkunsidrat:

42. Illi fir-rigward tal-immarkar in dizamina ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Go p.l.c.* vs.**

**Alfred Schembri & *Sons Limited et*** datata t-**31 ta' Jannar, 2011** li rriteniet is-segwenti:

> "Fil-kaz tal-lum, hemm minn naha wahda l-obbligu ta' ***GO*** li timmarka kemm jista' jkun bl-ezatt is-sit fejn tinsab l-infrastruttura taghha, u fin-naha l-ohra, d-dmir ta' Schembri, bhala s-socjeta` skavatrici tadempixxi ruhha mal-kundizzjonijiet obbligatorji fil-process ta' l-iskavar li huma ntizi sabiex jigi skansat kull dannu";

43. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Maltacom plc* vs. Anthony Vella *et***, datata l-**15 ta' Novembru, 2006** kien f'dan ir-rigward osservat is-segwenti:

> "Fl-ewwel lok, l-immarkar ma huwiex xi uzanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jigi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jigi skongurat skavar bl-addocc";

Ikkunsidrat:

44. Illi din il-qorti thoss li l-marki in dizamina li jsiru mis-socjeta` rikorrenti ghandhom jilhqu l-iskop insitu li ghalih isiru senjatament, li jindikaw b'mod kemm jista' jkun korrett il-posizzjoni preciza tal-infrastruttura *de quo*;

Ikkunsidrat:

45. Illi skont il-kundizzjoni numru 10 tal-Kundizzjonijiet fuq indikati, (ara paragrafu numru disgha u tletin, (39.) aktar qabel), jinghad li:

> "Ghandu jigi mmarkat fejn hemm strutturi mirduma li se jkunu, jew li jista' jkunu ta' impediment jew jista' jigu milquta mix-xoghol. Qabel ma jibda x-xoghol l-entitajiet ghandhom jimmarkaw minn fejn ghaddejjin is-servizzi taghhom, u kull devjazzjoni li ssir tax-xoghol, ghandha tigi verifikata mill-entitajiet koncernati";

46. Illi jigi sottolineat f'dan l-istadju li l-artiklu 1132 tal-Kap 16 fuq citat, (ara paragrafu numru erbgha u tletin punt tnejn, (34.2.),

aktar qabel), jistipula bi kjarezza li fl-imgieba taghha persuna hi dejjem tenuta li tezercita d-diligenza ta' *bonus paterfamilias*;

Ikkunsidrat:

47. Illi ssir hawn referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Korporazzjoni EneMalta vs. V.T.C. *Contractors Limited***, datata l-**21 ta' Mejju, 2010**, li sosstniet is-segwenti:

> "Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, huwa bil-wisq ragjonevoli illi n-ness kawzali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuza ghal skop ta' htija. Ghar-raggungiment ta' dan wiehed irid b'necessita` logika jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret l-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, s'intendi, r-responsabilita` ta' min dik il-hsara jkun gabha fis-sehh";

48. Illi kif ritenut fil-kundizzjoni numru 14, (ara paragrafu numru disgha u tletin, (39.), aktar qabel), jirrizulta li hu l-obbligu tas-socjeta` rikorrenti li tindika bi precizjoni l-wicc tat-triq biex turi fejn tkun sitwata l-infrastruttura li hi stess tkun stallat – ghalkemm l-impjegati moghtija din ir-responsabbilita` mhux dejjem jirrizultaw ghall-altezza;

49. Illi terga ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Go p.l.c.* vs Alfred Schembri *& Sons Limited et***, datata l-**31 ta' Jannar, 2011**, li f'dan ir-rigward issosstni s-segwenti:

> "Din il-qorti tghid li fejn isiru l-*markings*, proprju ghaliex mhux dejjem il-*cables* ikun sitwati <u>preciz</u> fejn juruhom l-*markings*, jaghmel sens li l-kuntrattur kull tant distanza jaghmel *pilot holes* u *occorrendo* juza *track location equipment* sabiex jaghmel *assessment* akkurata tal-posizzjoni proprja tal-*cables* u allura jahdem kemm jista' f'distanza adegwata ta' sigurta` boghod minnhom. Izda fejn propju ma jkunx hemm *markings* din il-qorti ma tifhimx l-utilita` tal-*pilot holes* u tat-*track location equipment* proprju ghaliex l-assenza ta' *markings* jeskludu ghal kollox il-presenza tal-*cables*";

50. Illi ghandu jkun pacifiku li kull kaz ghandu jkun analizzat u ezaminat fuq il-mertu tal-fattispeci partikolari tieghu;

51. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti irnexxiela tipprova li l-marki in dizamina saru b'mod generali fl-akkwati ta' fejn effettivament kienet giet stallata l-infrastruttura *de quo*;

52. Illi minkejja dan, l-istess socjeta` rikorrenti ma irnexxiliex tikkonvinci lil din il-qorti li l-marki in kwistjoni saru tal-anqas fil-vincinanzi tal-*cable* li giet milquta mis-socjeta` intimata;

53. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li infurmat lill-kuntrattur li kien hemm parti mit-triq li riedet tigi ri-ezaminata b'*detector*, (ara foll 29);

54. Illi l-imsemmija allegazzjoni hekk riportata fir-rapport tal-Pulizija hi pero` michuda mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata, (ara ukoll foll 29);

55. Illi mir-ritratti esebiti *in atti* jirrizulta li l-marki in kwistjoni saru, (ara foll 90 sa 97, 102 u 103);

56. Illi pero` mix-xhieda tad-direttur tas-socjeta` intimata jirrizulta li:

> "... fil-fatt mir-ritratti jidhru l-marki u x-xoghol taghna qieghed zewg metri 'l boghod minn dawn il-marki. Mistoqsi li intom hrigtu aktar minn zewg metri mill-marki nghid illi ahna l-*ispecifications* kienu li mill-marka nohrog metru" (ara foll 229);

57. Illi ghalhekk jirrizulta li jezistu versjonijiet konfliggenti li ma servux biex iserrhu mohh il-gudikant fir-rigward;

58. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta` rikorrenti effettwat l-immarkar taghha fuq il-*cable* mertu tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

59.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

59.1. Tillibera lis-socjetajiet kjamati in kawza fuq riferiti;

59.2. Takkolji r-risposti tas-socjeta` intimata;

59.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

59.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**